DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 78/2011

tal-1 ta' Lulju 2011

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2009/138/KE tħassar, b'effett mill-1 ta' Novembru 2012, id-Direttivi tal-Kunsill 64/225/KEE ([3]), 73/239/KEE ([4]), 73/240/KEE ([5]), 76/580/KEE ([6]), 78/473/KEE ([7]), 84/641/KEE ([8]), 87/344/KEE ([9]), 88/357/KEE ([10]) u 92/49/KEE ([11]) u d-Direttivi 98/78/KE ([12]), 2001/17/KE ([13]), 2002/83/KE ([14]) u 2005/68/KE ([15]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li huma inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentament għandhom jitħassru skont il-Ftehim b'effett mill-1 ta' Novembru 2012.

(4) Id-Direttiva 2009/138/KE tfassal mill-ġdid uħud mill-atti mħassra u għalhekk l-adattamenti attwali taż-ŻEE għal dawn tal-aħħar għandhom jinżammu parzjalment,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-titolu "*(i) Assigurazzjoni mhux tal-ħajja*" fil-Kapitolu I (Assigurazzjoni) għandu jinbidel għal "*(i) Assigurazzjoni tal-ħajja u assigurazzjoni mhux tal-ħajja*".

2. Il-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 64/225/KEE) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-punt 1a.

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal qabel il-punt il-ġdid 1a (id-Direttiva tal-Kunsill 64/225/KEE):

"1. **32009 L 0138**: Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

(a) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 8:

'(5) fl-Islanda, Viðlagatrygging Íslands.'

(b) L-Artikoli 57 sa 63 dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwirent propost m'għandhomx japplikaw meta l-akkwirent propost, kif definit fid-Direttiva, jinsab jew huwa rregolat barra mit-territorju tal-Partijiet Kontraenti.

(c) Fl-Artikolu 157(2), il-kliem 'u taħt ir-Regolament (KE) Nru 593/2008' għandhom jitħassru.

(d) L-Artikolu 171 m'għandux japplika. Id-dispożizzjoni li ġejja għandha tkun applikabbli:

Kull Parti Kontraenti tista', permezz ta' ftehimiet konklużi ma' pajjiż terz jew ma' diversi pajjiżi terzi, taqbel mal-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet differenti minn dawk li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 162 sa 170 tad-Direttiva bil-kondizzjoni li t-titolari tal-poloz u l-persuni assigurati tagħha jingħataw protezzjoni xierqa u ekwivalenti. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinfurmaw u jikkonsultaw lil xulxin qabel ma jiġu konklużi tali ftehimiet. Il-Partijiet Kontraenti m'għandhomx japplikaw dispożizzjonijiet għall-friegħi tal-impriżi tal-assigurazzjoni li jkollhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom barra mit-territorju tal-Partijiet Kontraenti li jirriżultaw fi trattament aktar favorevoli minn dak mogħti lill-friegħi tal-impriżi tal-assigurazzjoni li jkollhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fi ħdan it-territorju tal-Partijiet Kontraenti.

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 77.
([2]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.
([3]) ĠU 56, 4.4.1964, p. 878/64.
([4]) ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3.
([5]) ĠU L 228, 16.8.1973, p. 20.
([6]) ĠU L 189, 13.7.1976, p. 13.
([7]) ĠU L 151, 7.6.1978, p. 25.
([8]) ĠU L 339, 27.12.1984, p. 21.
([9]) ĠU L 185, 4.7.1987, p. 77.
([10]) ĠU L 172, 4.7.1988, p. 1.
([11]) ĠU L 228, 11.8.1992, p. 1.
([12]) ĠU L 330, 5.12.1998, p. 1.
([13]) ĠU L 110, 20.4.2001, p. 28.
([14]) ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.
([15]) ĠU L 323, 9.12.2005, p. 1.

(e) Kull meta l-Unjoni Ewropea tinnegozja ma' pajjiż terz jew ma' diversi pajjiżi terzi fuq il-bażi tal-Artikolu 175, hija għandha tagħmel kull sforz biex tikseb trattament ugwali għall-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-Istati tal-EFTA.

(f) Fir-rigward tat-trattament ta' pajjiżi terzi ta' impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni kif deskritt fl-Artikolu 177, dan li ġej għandu jkun applikabbli:

Bil-għan li jintlaħaq livell massimu ta' konverġenza fl-applikazzjoni ta' reġim għall-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, il-Partijiet Kontraenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kif deskritt fl-Artikolu 177(1) u għandhom isiru konsultazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 177(2) fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE u skont il-proċeduri speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma bejn il-Partijiet Kontraenti.

(g) It-test tal-Artikolu 178 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal kuntratti msemmija fil-paragrafu 2, irrispettivament minn jekk ir-riskju kopert ikunx jinsab fit-territorju ta' Parti Kontraenti jew le, u għall-kuntratti tal-assigurazzjoni l-oħrajn kollha li jkopru riskji li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti. Dan m'għandux japplika għal kuntratti ta' riassigurazzjoni.

2. Kuntratt ta' assigurazzjoni li jkopri riskju kbir kif deskritt fl-Artikolu 13(27) għandu jkun regolat mil-liġi magħżula mill-partijiet.

Sa fejn il-liġi applikabbli ma tkunx intgħażlet mill-partijiet, il-kuntratt tal-assigurazzjoni għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn l-assiguratur ikollu r-residenza abitwali tiegħu. Fejn ikun jidher ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li l-kuntratt ikun manifestament aktar konness mill-qrib ma' pajjiż ieħor, il-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor għandha tapplika.

3. Il-liġi li tirregola kuntratt għandha tintgħażel mill-partijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-għażla għandha ssir espressament jew tkun manifestata b'mod ċar permezz tat-termini tal-kuntratt jew taċ-ċirkostanzi tal-każ. Bl-għażla tagħhom, il-partijiet jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli għat-totalità tal-kuntratt jew għal parti biss minnu.

(b) Il-partijiet jistgħu, fi kwalunkwe żmien, jaqblu li l-kuntratt jiġi soġġett għal liġi differenti minn dik li kienet tirregolah qabel. Kwalunkwe bidla tal-liġi applikabbli li ssir wara l-konklużjoni tal-kuntratt m'għandhiex tkun ta' ħsara għall-validità formali tal-kuntratt jew tinċidi b'mod negattiv fuq id-drittijiet ta' persuni terzi.

(c) Fejn l-elementi l-oħra kollha rilevanti għas-sitwazzjoni fiż-żmien tal-għażla jkunu jinsabu f'pajjiż differenti mill-pajjiż li tiegħu tkun intgħażlet il-liġi, l-għażla tal-partijiet m'għandhiex tkun ta' ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim.

(d) Fejn l-elementi l-oħra kollha li jkunu rilevanti għas-sitwazzjoni fiż-żmien tal-għażla jkunu jinsabu f'Parti Kontraenti waħda jew f'aktar minn waħda, l-għażla tal-partijiet ta' liġi applikabbli li ma tkunx dik ta' Parti Kontraenti m'għandhiex tkun ta' ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi taż-ŻEE, fejn xieraq kif implimentati fil-Parti Kontraenti tal-forum, li ma tistax issir deroga minnhom permezz ta' ftehim.

4. L-eżistenza u l-validità tal-kunsens tal-partijiet fir-rigward tal-għażla tal-liġi applikabbli għandhom jiġu determinati skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-eżistenza u l-validità ta' kuntratt, jew ta' kwalunkwe terminu ta' kuntratt, għandhom jiġu determinati mil-liġi li tkun applikabbli għalih skont dan l-Artikolu kieku l-kuntratt jew it-terminu kienu validi.

Madankollu, sabiex parti tistabbilixxi li ma tkunx tat il-kunsens tagħha, din tista' tirriferi għal-liġi tal-pajjiż li fih ikollha r-residenza abitwali tagħha jekk miċ-ċirkostanzi jidher li ma jkunx raġonevoli li jiġi determinat l-effett tal-komportament ta' tali parti skont il-liġi speċifikata fis-subparagrafu 1 ta' din l-ittra.

(b) Kuntratt konkluż bejn persuni li jkunu, jew li jkollhom l-aġenti tagħhom, fl-istess pajjiż fiż-żmien tal-konklużjoni huwa formalment validu jekk jissodisfa r-rekwiżiti formali tal-liġi li tirregolah sostantivament skont il-liġi ta' dan l-Artikolu jew tal-liġi tal-pajjiż li fih jiġi konkluż.

Kuntratt konkluż bejn persuni li jkunu, jew li jkollhom l-aġenti tagħhom, f'pajjiżi differenti fiż-żmien tal-konklużjoni tiegħu huwa formalment validu jekk jissodisfa r-rekwiżiti formali tal-liġi li tirregolah sostantivament skont dan l-Artikolu, jew tal-liġi ta' kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi fejn kwalunkwe waħda mill-partijiet jew l-aġenti tagħhom ikunu preżenti fiż-żmien tal-konklużjoni, jew tal-liġi tal-pajjiż fejn kwalunkwe waħda mill-partijiet kellha r-residenza abitwali tagħha f'dak iż-żmien.

Att unilaterali maħsub li jkollu effett legali fir-rigward ta' kuntratt eżistenti jew kontemplat huwa formalment validu jekk jissodisfa r-rekwiżiti formali tal-liġi li tirregolah sostantivament skont dan l-Artikolu jew tal-liġi tal-pajjiż li fih twettaq l-att, jew tal-liġi tal-pajjiż fejn il-persuna li wettqitu jkollha r-residenza abitwali tagħhha f'dak iż-żmien.

Minkejja s-subparagrafi 1 sa 3 ta' din l-ittra, kuntratt li jkun jitratta dwar dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli jew il-kiri ta' proprjetà immobbli għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti formali tal-liġi tal-pajjiż fejn tinsab il-proprjetà jekk skont din il-liġi:

(i) dawk ir-rekwiżiti huma imposti irrispettivament mill-pajjiż li fih il-kuntratt jiġi konkluż u irrispettivament mil-liġi li tirregola l-kuntratt; u

(ii) ma jistax ikun hemm deroga minn dawk ir-rekwiżiti permezz ta' ftehim.

(c) F'kuntratt konkluż bejn persuni li jinsabu fl-istess pajjiż, persuna fiżika li jkollha l-kapaċità skont il-liġi ta' dak il-pajjiż tista' tinvoka l-inkapaċità tagħha li tirriżulta mil-liġi ta' pajjiż ieħor biss jekk il-parti l-oħra għall-kuntratt kienet taf b'dik l-inkapaċità fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt jew ma kinitx taf biha minħabba negliġenza.

5. Fil-każ ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għajr minn kuntratt li jaqa' fl-ambitu tal-paragrafu 2, huma biss il-liġijiet li ġejjin li jistgħu jintgħażlu mill-partijiet skont il-paragrafu 3:

(a) il-liġi ta' kwalunkwe Parti Kontraenti fejn ikun jinsab ir-riskju fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt;

(b) il-liġi tal-pajjiż fejn it-titolari tal-polza jkollu r-residenza abitwali tiegħu;

(c) fil-każ ta' assigurazzjoni tal-ħajja, il-liġi tal-Parti Kontraenti li t-titolari tal-polza jkun ċittadin tagħha;

(d) għal kuntratti ta' assigurazzjoni li jkopru riskji limitati għal avvenimenti li jiġru f'xi Parti Kontraenti għajr mill-Parti Kontraenti li fiha jkun jinsab ir-riskju, il-liġi ta' dik il-Parti Kontraenti;

(e) fejn it-titolari tal-polza permezz ta' kuntratt li jaqa' fl-ambitu ta' dan il-paragrafu, jeżerċita attività kummerċjali jew industrijali jew professjoni libera u l-kuntratt ta' assigurazzjoni jkopri żewġ riskji jew iktar li jkunu konnessi ma' dawk l-attivitajiet u jkunu jinsabu f'Partijiet Kontraenti differenti, il-liġi ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti kkonċernati jew il-liġi tal-pajjiż li fih tinsab ir-residenza abitwali tat-titolari tal-polza.

Fejn, fil-każijiet stipulati fil-punti (a), (b) jew (e) ta' dan il-paragrafu, il-Parti Kontraenti msemmija tagħti libertà tal-għażla akbar fir-rigward tal-liġi applikabbli għall-kuntratt tal-assigurazzjoni, il-partijiet jistgħu jieħdu vantaġġ minn dik il-libertà.

Sa fejn il-liġi applikabbli ma ġietx magħżula mill-partijiet skont dan il-paragrafu, tali kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-Parti Kontraenti li fiha jkun jinsab ir-riskju fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt.

6. Ir-regoli addizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw għal kuntratti ta' assigurazzjoni li jkopru r-riskju li għalihom Parti Kontraenti timponi obbligu li ssir assigurazzjoni:

(a) il-kuntratt ta' assigurazzjoni m'għandux jissodisfa l-obbligu li ssir assigurazzjoni sakemm ma jkunx jikkonforma mad-dispożizzjonijiet speċifiċi konnessi ma' dik l-assigurazzjoni stipulati mill-Parti Kontraenti li timponi l-obbligu. Fejn ikun hemm kontradizzjoni bejn il-liġi tal-Parti Kontraenti li fiha jinsab ir-riskju u l-liġi tal-Parti Kontraenti li timponi l-obbligu li ssir assigurazzjoni, tal-aħħar għandha tipprevali;

(b) b'deroga mill-paragrafi 2 u 4, Parti Kontraenti tista' tistipula li l-kuntratt ta' assigurazzjoni jkun regolat mil-liġi tal-Parti Kontraenti li timponi l-obbligu li ssir assigurazzjoni.

7. Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4, u tal-paragrafu 5, meta l-kuntratt ikopri riskji li jkunu jinsabu f'aktar minn Parti Kontraenti waħda, il-kuntratt għandu jitqies bħala kuntratt li jikkostitwixxi diversi kuntratti li kull wieħed minnhom jirigwarda Parti Kontraenti waħda biss.

8. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-pajjiż li fih ikun jinsab ir-riskju għandu jiġi determinat skont l-Artikolu 13(13) u, f'każ ta' assigurazzjoni tal-ħajja, il-pajjiż li fih ikun jinsab ir-riskju għandu jkun il-pajjiż tal-impenn skont it-tifsira tal-Artikolu 13(14)."

(h) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-Anness III(A):

"(29) fil-każ tar-Repubblika tal-Irlanda: 'Hlutafélag';

(30) fil-każ tal-Prinċipat tal-Liechtenstein: 'Aktiengesellschaft', 'Europäische Gesellschaft (SE)', 'Genossenschaft', 'Europäische Genossenschaft (SCE)';

(31) fil-każ tar-Renju tan-Norveġja: 'Aksjeselskaper', 'Gjensidige selskaper'."

(i) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-Anness III(B):

"(29) fil-każ tar-Repubblika tal-Irlanda: 'Hlutafélag';

(30) fil-każ tal-Prinċipat tal-Liechtenstein: 'Aktiengesellschaft', 'Europäische Gesellschaft (SE)', 'Genossenschaft', 'Europäische Genossenschaft (SCE)';

(31) fil-każ tar-Renju tan-Norveġja: 'Aksjeselskaper', 'Gjensidige selskaper'."

(j) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-Anness III(C):

"(29) fil-każ tar-Repubblika tal-Irlanda: 'Hlutafélög';

(30) fil-każ tal-Prinċipat tal-Liechtenstein: 'Aktiengesellschaft', 'Europäische Gesellschaft (SE)', 'Genossenschaft', 'Europäische Genossenschaft (SCE)';

(31) fil-każ tar-Renju tan-Norveġja: 'Aksjeselskaper', 'Allmennaksjeselskaper', 'Gjensidige selskaper'." "

4. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 31d (id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat permezz ta':

— **32009 L 0138**: Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1)."

5. It-testi tal-punti 1a (id-Direttiva tal-Kunsill 64/225/KEE), 2 (l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE), 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 73/240/KEE), 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 78/473/KEE), 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 84/641/KEE), 6 (id-Direttiva tal-Kunsill 87/344/KEE), 7 (it-Tieni Direttiva tal-Kunsill 88/357/KEE), 7a (id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE), 7b (id-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 12c (id-Direttiva 98/78/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 13a (id-Direttiva 2001/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' Novembru 2012.

6. It-test tal-punt 11 u t-titolu relatat miegħu (id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' Novembru 2012.

7. It-titoli "*(iv) Sorveljazzjoni u kontijiet*" u "*(v) Kwistjonijiet oħrajn*" fil-Kapitolu I (L-Assigurazzjoni) għandhom jerġgħu jiġu nnumerati bħala titoli "*(iii) Sorveljazzjoni u kontijiet*" u "*(iv) Kwistjonijiet oħrajn*" b'effett mill-1 ta' Novembru 2012.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/138/KE fil-lingwa Islandiż u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2011, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

Deċiżjoni Unilaterali mil-Liechtenstein dwar id-Deċiżjoni Nru 78/2011 li tinkorpora d-Direttiva 2009/138/KE fil-Ftehim

"Il-Prinċipat tal-Liechtenstein ikkonkluda ftehim bilaterali mal-Isvizzera fl-1996 dwar l-assigurazzjoni diretta. Fuq il-bażi tar-reċiproċità, il-Ftehim għandu l-għan li jirregola l-kondizzjonijiet li huma neċessarji u suffiċjenti biex jippermettu lill-impriżi tal-assigurazzjoni li għandhom l-uffiċċju ewlieni fit-territorju ta' Pajjiż Kontraenti biex jibbenefikaw mil-libertà tal-istabbiliment u s-servizzi fir-rigward tal-assigurazzjoni diretta fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra."